



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Frar 2015\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis — Eżenzjonijiet — Provvista ta' proteżijiet dentali”

Fil-Kawżi magħquda C-144/13, C-154/13 u C-160/13,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi), bid-deċiżjonijiet tal-1 u tat-8 ta' Marzu 2013, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21, fis-27 u fit-28 ta' Marzu 2013 rispettivament, fil-proċeduri

**VDP Dental Laboratory NV**

vs

**Staatssecretaris van Financiën (C-144/13),**

**Staatssecretaris van Financiën**

vs

**X BV (C-154/13),**

**Nobel Biocare Nederland BV (C-160/13),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, S. Rodin, A. Borg Barthet (Relatur), M. Berger u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta' Mejju 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal VDP Dental Laboratory NV, minn R. Oorthuizen, belastingadviseur,
- għal Nobel Biocare Nederland BV, minn G.C. Bulk, adviseur
- għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman u M. Noort, kif ukoll minn J. Langer, bħala aġenti,

\* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

— għall-Gvern Estonjan, minn N. Grünberg, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Cordewener u E. Manhaeve, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014,

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2005/92/KE, tat-12 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 175M, p. 305, iktar 'il quddiem is-“Sitt Direttiva”), u tal-Artikoli 140(a) u (b) u 143(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2007/75/KE, tal-20 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 346, p. 13, iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar il-VAT”), moqrija flimkien mal-Artikoli 132(1)(e) u 370 ta' din id-direttiva.
- 2 Dawn id-domandi ġew ippreżentati fil-kuntest ta' tliet kawżi bejn VDP Dental Laboratory NV (iktar 'il quddiem “VDP”) u l-iStaatssecretaris van Financiën (iktar 'il quddiem l-“iStaatsecretaris”) u bejn l-iStaatssecretaris u X BV (iktar 'il quddiem “X”), minn naħa, u Nobel Biocare Nederland BV (iktar 'il quddiem “Nobel”) min-naħħa l-oħra, dwar il-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-“VAT”) għas-snin 2006 u 2008.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 Il-proċeduri fil-kawża prinċipali jikkonċernaw il-ġbir tal-VAT għas-snin 2006 u 2008. Konsegwentement, id-direttivi applikabbli huma s-Sitt Direttiva kif ukoll id-Direttiva dwar il-VAT. Skont il-perijodu kkonċernat fil-kawża inkwistjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet rilevanti kif ifformulati fis-Sitt Direttiva jew fid-Direttiva dwar il-VAT.

#### Is-Sitt Direttiva

- 4 L-Artikolu 13A tas-Sitt Direttiva, dwar eżenzjonijiet favur ċerti attivitajiet tal-interess pubbliku ġewwa l-pajjiż, jipprovdi:

“1. Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra jn tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jeżentaw li ġejjin taħt il-kondizzjonijet li huma għandhom jistabilixxu għal skopijiet biex jassiguraw l-applikazzjoni korretta u ċara tat-tali eżenzjonijiet u tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż possibbli:

[...]

- e) servizzi fornuti mit-tekniċi dentali fil-kapaċità tal-professjoni tagħhom u prototeżi dentali pprovduti mid-dentisti u tekniċi dentali;

[...]"

5 L-Artikolu 17(1) u (2) ta' din id-direttiva, fil-verżjoni li tirriżulta mill-Artikolu 28f tagħha (iktar 'il quddiem l-“Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva”) u intitolat “Oriġini u skop tad-dritt li tnaqqas”, jipprovdः

“1. Id-dritt li tnaqqas għandu jqum fl-istess ħin meta t-taxxa mnaqqsa ssir taxxabbli.

2. Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskop tat-transazzjonijiet taxxabbli tagħha, il-persuna taxxabbli tkun intitolata li tnaqqas mit-taxxa li għandu jħallas:

- a) [il-VAT] dovuta jew mhalla ġewwa t-territorju tal-pajjiż rigward l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti jew li għad għandhom jiġu forniti lilu minn persuna taxxabbli oħra;
- b) [il-VAT] dovut jew imħallas għal merkanzija importata fit-territorju tal-pajjiż;
- c) [il-VAT] dovuta skont l-Artikoli 5(7) (a), u 28a(6);
- d) [il-VAT] miżjud dovuta skond l-Artikolu 28a(1)(a)."

Id-Direttiva dwar il-VAT

6 L-Artikolu 131 tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdः

“L-eżenzjonijiet ipprovduti fil-Kapitoli 2 sa 9 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijet oħra jn tal-Komunità skond kondizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jistabilixxu għall-finijiet li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' dawk l-eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kawlunkwe evażjoni, evitar jew [kull] abbuż possibbli.”

7 L-Artikolu 132(1) ta' din id-direttiva, li qabel kien l-Artikolu 13A tas-Sitt Direttiva, jipprovdः

“L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[...]

- d) il-provvista [kunsinna] ta' organi, demm u ħalib umani;
- e) il-provvista ta' servizzi mit-tekniċi dentali fil-kapaċità tal-professjoni tagħhom u l-provvista ta' prototeżi dentali pprovduti minn dentisti u tekniċi dentali;

[...]"

8 L-Artikolu 138(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdः

“L-Istati Membri għandhom jeżentaw il-provvista [il-kunsinna] ta' merkanzija mibgħuta jew ittrasportata lejn destinazzjoni 'l barra mit-territroju tagħhom iżda fil-Komunità, jew mill-bejjiegħ jew f'ismu jew il-persuna li tkun qed takkwista l-merkanzija, għal persuna taxxabbli oħra, jew għal persuna legali mhux taxxabbli li tkun qed taġixxi bħala tali fi Stat Membru ieħor li mhux dak minn fejn bdiet tinbagħħat jew tkun ittrasportata il-merkanzija.”

9 Skont l-Artikolu 140 tal-istess direttiva:

“L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

- a) l-akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija li l-provvista [il-kunsinna] tagħha minn persuni taxxabbi tkun dejjem eżenti fit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat;
- b) l-akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija li l-importazzjoni tagħha f'kull ċirkostanza tkun eżenti skond il-punti (a), (b) u (c) u (e) sa (l) tal-Artikolu 143(1);

[...]

10 L-Artikolu 143(1)(a) tad-Direttiva VAT jipprovd:

“L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:a)

l- importazzjoni finali ta' merkanzija li l-provvista [il-kunsinna] tagħha minn persuna taxxabbi għandha fiċ-ċirkostanzi kollha tkun eżenti fit-territorju rispettiv tagħha.”

11 L-Artikolu 167 tad-Direttiva dwar il-VAT huwa fformulat kif ġej:

“Dritt ta' tnaqqis iseħħ fil-ħin meta t-taxxa mnaqqsa tiġi imposta.”

12 L-Artikolu 168 ta' din id-direttiva, li qabel kien l-Artikolu 17(2) tas-Sitt Direttiva, jipprovd:

“Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbi ta' persuna taxxabbi, il-persuna taxxabbi għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mll-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

- (a) il-VAT dovuta jew imħalla f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra;
- (b) il-VAT dovuta rigward transazzjonijiet trattati bħala provvisti ta' merkanzija jew servizzi skond l-Artikolu 18(a) u l-Artikolu 27;
- (c) il-VAT dovuta rigward akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija skond l-Artikolu 2(1)(b)(i);
- (d) il-VAT dovuta fuq transazzjonijiet trattati bħala akkwisti intra-Komunitarji skond l-Artikoli 21 u 22;
- (e) taxxa fuq il-valur miżjud dovut jew imħallas għal merkanzija importata f'dak l-Istat Membru.”

13 Id-Direttiva dwar il-VAT tipprovdi wkoll diversi “[d]erogi għal Stati li aderew għall-Komunità wara l-1 ta' Jannar 1978”, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 370 tagħha li jipprovd:

“L-Istati Membri li, fl-1 ta' Jannar 1978, kienu jintaxxaw it-transazzjonijiet elenkti fl-Anness X, Parti A, jistgħu jkomplu jintaxxaw dawk it-transazzjonijiet.”

14 L-Anness X ta' din id-direttiva, fil-parti intitolata “Transazzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jintaxxaw”, jipprovd fil-punt 1 tiegħu:

“Il-provvista ta' servizzi minn tekniċi tas-snien fil-kapaċită professjonal tagħhom u l-provvista [il-kunsinna] ta' proteżi tas-snien minn dentisti u tekniċi tas-snien”.

- 15 L-Artikolu 90 KE (li issa sar l-Artikolu 110 TFUE) kien jipprovdi kif ġej:

“Ebda Stat Membru ma għandu japplika, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta’ Stati Membri oħra taxxi interni, ta’ kull deskrizzjoni, ogħla minn dawk applikati direttament jew indirettament fuq prodotti simili nazzjonali.

Barra dan, ebda Stat Membru ma għandu japplika fuq il-prodotti ta’ Stati Membri oħra taxxi interni ta’ tali natura li jaġħtu protezzjoni indiretta lill-produzzjoni ta’ merkanzija oħra.”

#### *Id-dritt Olandiż*

- 16 L-Artikolu 11 tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (Wet op de omzetbelasting), tat-28 ta’ Ġunju 1968 (*Staatsblad* 1968, Nru 329, iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tal-VAT”), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2003 sa l-1 ta’ Jannar 2007, jipprovdi:

“Huma eżenti mill-VAT skont il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti b’ordni ġenerali amministrattiva:

is-servizzi pprovduti minn professjonisti li l-professjoni tagħhom hija rregolata bi jew skont il-Liġi dwar il-professjonijiet fis-settur tas-saħħha personali [Wet op beroopen in de individuele gezondheidszorg]; is-servizzi tal-psikologi u ta’ tekniċi dentali, il-provvisti ta’ proteżjijiet dentali; il-provvista ta’ trasport ta’ persuni morda jew feruti b’ambulanza.”

- 17 Fil-verżjoni fis-seħħ fl-2008, l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 11(1)(g) ta’ dan il-kodiċi jipprovdi kif ġej:

“humu eżenti mill-VAT skont il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti b’ordni ġenerali amministrattiva:

it-trattament mediku ta’ individwi fil-kuntest tal-eżerċizzju ta’ professjonijiet mediċi u paramediċi rregolati bi jew skont il-Liġi dwar il-professjonijiet fis-settur tas-saħħha personali kif ukoll it-trattament ta’ individwi minn psikologi; is-servizzi pprovduti minn tekniċi dentali; it-trasport ta’ persuni morda jew feruti bl-ambulanza.”

- 18 L-Artikolu 15(2) tal-imsemmi kodiċi, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fl-2006, jipprovdi r-regoli segwenti:

“Sa fejn il-beni jew servizzi jintużaw għall-finijiet ta’ provvisti tan-negożjant fis-sens tal-Artikoli 11 u 28k, it-naqqis tat-taxxa jista’ jsir biss jekk jikkonċerna provvisti msemmija fl-Artikolu 11(i), (j) u (k), bil-kundizzjoni li x-xerrej ta’ dawn il-provvisti jkun jirrisjedi jew huwa stabbilit barra l-Komunità jew bil-kundizzjoni li dawn il-provvisti jikkonċernaw direttament oġġetti intiżi li jiġu esportati barra l-Komunità.”

- 19 L-Artikolu 17e tal-Kodiċi tal-VAT jipprovdi:

“Permezz ta’ digriet ministerjali, u bla ħsara għall-kundizzjonijiet u għar-restrizzjonijiet stabbiliti b’dan l-istess digriet, għandha tingħata eżenzjoni mit-taxxa għall-akkwisti intra-Komunitarji ta’ beni

- li fir-rigward tagħhom il-kunsinna fil-Pajjiżi l-Baxxi hija fi kwalunkwe każ eżenti mit-taxxa;
- li fir-rigward tagħhom eżenzjoni tkun tapplika fi kwalunkwe każ fil-mument tal-importazzjoni;
- li fir-rigward tagħhom ikun jeżisti fi kwalunkwe każ dritt għal rimbors sħiħ.”

20 L-Artikolu 21(a) tal-Kodiċi tal-VAT jipprovd:

“Permezz ta’ digriet ministerjali, u bla ħsara għall-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet stabbiliti b’dan l-istess digriet, għandha tingħata eżenzjoni mit-taxxa

a) għall-importazzjoni ta’ merkanzija li l-kunsinna tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi hija fi kwalunkwe każ eżentata.”

21 L-Artikolu 16(1)(a) tad-digriet li jimplejta l-Kodiċi tal-VAT jipprovd:

“Is-segwenti jitqiesu li huma akkwisti intra-Komunitarji fis-sens tal-Artikolu 17e:

a) l-akkwisti intra-Komunitarji ta’ organi tal-bniedem, demm tal-bniedem u ħalib tal-bniedem.”

## Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

### *Il-Kawża C-144/13*

22 Il-Kawża C-144/13 tikkonċerna VDP, stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, intermedjarja fil-bejgħ ta’ proteżjiet dentali. Fuq talba preliminari ta’ dentisti stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi jew barra minn dan l-Istat Membru, hija tordna l-manifattura tal-proteżjiet tagħha minn laboratorji li għandhom l-istatus ta’ tekniċi dentali u li huma stabbiliti kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Il-laboratorji kkonċernati jikkunsinnaw il-proteżjiet dentali lil VDP, li min-naħħa tagħha, tikkunsinnahom lid-dentisti li jkunu ordnawhom. Il-proteżjiet dentali li VDP tirċievi mill-Istati li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Unjoni jiġu ddikjarati mal-wasla tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi għall-finijiet ta’ ċirkulazzjoni libera.

23 Fil-prospett tal-VAT tagħha għall-ewwel trimester tas-sena 2006, VDP iddikjarat li, fir-rigward tal-provvisti ta’ proteżjiet dentali li saru matul dan il-perijodu lil dentisti stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-provvisti inkwistjoni kienu eżenti mill-VAT skont il-punt 1 tal-Artikolu 11(1)(g) tal-Kodiċi tal-VAT, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ sal-1 ta’ Jannar 2008. Barra minn hekk, hija naqqset il-VAT li kienet ġiet imposta matul dan it-trimester, fir-rigward tal-provvisti tal-proteżjiet ikkonċernati, billi bbażat ruħha fuq il-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(2) tas-Sitt Direttiva, mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li tat lok għas-sentenza VDP Dental Laboratory (C-401/05, EU:C:2006:792). L-iStaatssecretaris irrifjuta dan it-tnaqqis fuq il-bażi tal-Artikolu 15(2) tal-Kodiċi tal-VAT u ċaħad l-ilment imressaq minn VDP.

24 Għall-kunsinni ta’ proteżjiet dentali lil dentisti stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi matul it-tielet trimester tas-sena 2008, VDP ma ħallset ebda VAT skont il-prospetti ta’ taxxa tagħha, billi bbażat ruħha fuq il-fatt li, mill-1 ta’ Jannar 2008, kienet tibbenefika mill-istatus ta’ “tekniku dentali” fis-sens tal-Artikolu 132(1)(e) tad-Direttiva dwar il-VAT u għaldaqstant, qieset li kienet tibbenefika minn eżenzjoni, skont il-punt 1 tal-Artikolu 11(1)(g) tal-Kodiċi tal-VAT. Konformement għall-Artikolu 15(2) ta’ dan il-kodiċi, VDP ma naqqsitx it-taxxa li ġiet imposta fuqha matul dan it-trimester għall-kunsinni kkonċernati.

25 Barra minn hekk, għall-imsemmi trimester, VDP iddikjarat u ħallset it-taxxa fir-rigward tal-importazzjoni u l-akkwist intra-Komunitarju ta’ proteżjiet dentali minn laboratorji stabbiliti barra l-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, sussegwentement, hija qieset li ma kinitx taxxabbi fir-rigward tal-importazzjoni ta’ proteżjiet dentali, skont l-Artikolu 21(c) tal-Kodiċi tal-VAT, moqrri flimkien mal-Artikolu 143(a) tad-Direttiva dwar il-VAT u, fir-rigward tal-akkwisti intra-Komunitarji ta’ tali proteżjiet, skont l-Artikolu 17e(a) tal-Kodiċi tal-VAT, moqrri flimkien mal-Artikolu 140(a) tad-Direttiva dwar il-VAT. L-ilment imressaq minn VDP f'dan ir-rigward ġie wkoll miċħud mill-iStaatssecretaris.

- 26 Fir-rigward tal-ewwel trimester tas-sena 2006, ir-Rechtbank te Haarlem (qorti distrettwali ta' Haarlem) ċaħdet ir-rikors ta' VDP u qieset li l-applikazzjoni tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 11(1)(g) tal-Kodiċi tal-VAT kienet timplika l-esklużjoni tat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-input skont l-Artikolu 15(2) tal-Kodiċi tal-VAT. VDP ippreżentat appell fuq punti ta' liġi mis-sentenza mogħtija minn din il-qorti.
- 27 Fir-rigward tat-tielet trimester tal-2008, ir-Rechtbank te Haarlem qieset bħala fondat ir-rikors ippreżentat minn VDP u li konformement, minn naħa, għall-Artikolu 21(c) tal-Kodiċi tal-VAT, moqri flimkien mal-Artikolu 143(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, u min-naħħa l-oħra, għall-Artikolu 17e(a) tal-Kodiċi tal-VAT, moqri flimkien mal-Artikolu 140(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, ebda VAT ma kienet dovuta fir-rigward tal-importazzjoni u tal-akkwist intra-Komunitarju ta' proteżijiet dentali, peress li l-bażi kienet dejjem dik ta' kunsinna lil tekniku dentali barrani, u tali kunsinna fil-Pajjiżi l-Baxxi hija eżenti mit-taxxa. L-iStaatssecretaris ppreżenta appell fuq punti ta' liġi minn din id-deċiżjoni.
- 28 Skont il-Hoge Raad, kemm l-appell ippreżentat minn VDP kif ukoll dak mill-iStaatssecretaris jimplikaw kwistjonijiet ta' dritt Ewropew.
- 29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissoppendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- “1) L-Artikolu 17(1) u (2) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti dritt għal tnaqqis lill-persuna taxxabbi anki meta dispożizzjoni legali nazzjonali tiprovvdi eżenzjoni mhux prevista mid-direttiva (eżenzjoni li teskludi t-telf tad-dritt għal tnaqqis)?
  - 2) L-Artikolu 143, initio u (a), u l-Artikolu 140, initio u (a) u (b) tad-Direttiva tal-VAT tal-2006 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-eżenzjonijiet tat-taxxa stabbiliti minnhom ma japplikawx għall-importazzjoni u għax-xiri intra-Komunitarju ta' proteżi dentali? Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, il-benefiċċju mill-eżenzjonijiet huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-kunsinna ta' proteżi dentali minn Stat ieħor issir minn dentist jew tekniku dentali jew li l-kunsinna ssir lil dentist jew tekniku dentali, jew huwa effettivament suġġett għal dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi?”

#### *Il-Kawża C-154/13*

- 30 Il-Kawża C-154/13 tikkonċerna lil X, stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, li topera klinika ta' dentistrija li l-attivitàajiet tagħha huma, skont il-punt 1 tal-Artikolu 11(1)(g) tal-Kodiċi tal-VAT, eżenti mill-VAT, mingħajr dritt għal tnaqqis. Matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Settembru 2008, X akkwistat, mingħand tekniku dentali stabbilit fil-Ġermanja, proteżijiet dentali li ġew ittrasportati u kkunsinnati lil X mill-Ġermanja mingħajr fattura tal-VAT. X ma ħallsitx il-VAT skont il-prospetti ta' taxxa tagħha għall-akkwisti intra-Komunitarji fir-rigward ta' dan ix-xiri. L-iStaatssecretaris huwa tal-fehma li madankollu hemm inkwistjoni tali akkwisti u ħareġ notifikasi ta' evalwazzjoni ġidida.
- 31 Ir-Rechtbank te' s-Gravenhage (qorti distrettwali tal-Hague) iddikjarat ir-rikors ta' X fondat. Skont din il-qorti, l-Artikolu 17e tal-Kodiċi tal-VAT u l-Artikolu 140 tad-Direttiva dwar il-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' kunsinna ta' proteżi dentali minn dentist jew minn tekniku dentali stabbilit barra l-Pajjiżi l-Baxxi, l-akkwist intra-Komunitarju korrispondenti minn klijent fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa eżenti mill-VAT, fid-dawl tal-fatt li tali kunsinna hija wkoll eżenti meta ssir fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-iStaatssecretaris ressaq appell fuq punti ta' liġi minn din id-deċiżjoni u rrefera, b'mod partikolari, għall-intaxxar ta' kunsinni ta' proteżijiet dentali fil-Ġermanja.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissoppendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

- “1) L-Artikolu 140(a) u (b) tad-Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni tal-VAT prevista fih ma tapplikax għall-akkwist intra-Komunitarju ta' snien foloz [proteżijiet dentali]? Jekk tingħata risposta fin-negattiv, il-benefiċċju tal-eżenzjoni huwa suġġett għall-kundizzjoni li s-snien foloz jiġi pprovdu minn pajjiż barrani minn dentist jew minn dentist-tekniku jew għall-kundizzjoni li jiġi kkunsinnati lil dentist jew lil dentist-tekniku jew huwa suġġett għal dawn iż-żewġ kundizzjonijiet flimkien?
- 2) Jekk l-eżenzjoni tal-VAT prevista fl-Artikolu 140(a) u (b) tad-Direttiva tal-VAT tal-2006 (indipendentement minn jekk tkunx ingħatat skont il-kundizzjonijiet deskritti fl-ewwel domanda) tkun tapplika għall-akkwist intra-Komunitarju ta' snien foloz, fil-pajjiżi li, bħall-Pajjiżi l-Baxxi, ikunu kkonformaw ruħhom mal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132 tad-Direttiva tal-VAT tal-2006, l-eżenzjoni tapplika wkoll għall-akkwist intra-Komunitarju ta' snien foloz li joriġinaw minn Stat Membru li jkun ibbenefika minn sistema derogatorja u tranżitorja tal-Artikolu 370 tad-Direttiva tal-VAT tal-2006?”

*Il-Kawża C-160/13*

33 Il-Kawża C-160/13 tikkonċerna lil Nobel, stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, li tibbenefika mill-istatus ta' tekniku dentali fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 11(1)(g) tal-Kodiċi tal-VAT. Nobel hija intermedjarja fil-bejgħ ta' proteżijiet dentali. Hija tbigħ u tikkunsinna dawn il-proteżijiet, fuq talba preliminari, lil laboratorji dentali stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-proteżijiet dentali huma mmanifatturati fl-Isvezja mill-kumpannija parent ta' Nobel, A AB (iktar 'il quddiem "A"), li wkoll hija tekniku dentali. A tikkunsinna l-proteżijiet, bħala korrispettiv għal remunerazzjoni miftiehma, lil Nobel, li min-naħħa tagħha sussegwentement tikkunsinnahom lill-imsemmija laboratorji.

34 Fir-rigward tal-proteżijiet dentali kkunsinnati fix-xahar ta' Diċembru 2008, A ma ffatturatx il-VAT. Għal dawn il-provvisti, Nobel ħallset, permezz ta' prospett ta' taxxa, il-VAT fuq l-akkwisti intra-Komunitarji. Sussegwentement, hija ressjet ilment f'dan ir-rigward. Ir-Rechtbank te Haarlem iddeċidiet favur Nobel u qieset li l-Artikolu 17e tal-Kodiċi tal-VAT u l-Artikolu 140 tad-Direttiva dwar il-VAT kellhom jiġi interpretati fis-sens li, fil-każ ta' kunsinna ta' proteżi dentali minn dentist jew tekniku dentali stabbilit barra l-Pajjiżi l-Baxxi, l-akkwist intra-Komunitarju korrispondenti minn klijent fil-Pajjiżi l-Baxxi kien eżenti mill-VAT, fid-dawl tal-fatt li tali provvista kienet ukoll eżenti fil-każ li titwettaq fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-iStaatssecretaris ippreżenta appell fuq punti ta' liġi minn din is-sentenza mogħtija minn din il-qorti.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissoppendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“L-Artikolu 140(a) u (b) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni mill-VAT li jistabbilixxi ma tapplikax għall-akkwist intra-Komunitarju ta' proteżijiet dentali? Jekk ir-risposta tkun fin-negattiv, il-benefiċċju tal-eżenzjoni huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-proteżijiet dentali jiġi kkunsinnati minn barra l-pajjiż minn dentist jew minn tekniku dentali jew li jiġi kkunsinnati lil dentist jew lil tekniku dentali jew inkella huwa suġġett għal dawn iż-żewġ kundizzjonijiet flimkien?”

36 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2013, il-Kawża C-144/13, C-154/13 u C-160/13 ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u tal-proċedura orali kif ukoll tas-sentenza.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-144/13*

- 37 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-144/13, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 168 tad-Direttiva dwar il-VAT li jirriproduċi l-kontenut tal-Artikolu 17(2) tas-Sitt Direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta eżenzjoni prevista mid-dritt nazzjonali tkun inkompatibbli mad-Direttiva dwar il-VAT, l-Artikolu 168 ma jippermettix lil persuna taxxabbi tibbenfika minn din l-eżenzjoni u tinvoka d-dritt għal tnaqqis.
- 38 Il-Qorti tal-Ġustizzja digġà kellha l-opportunità tiddeċiedi li, meta eżenzjoni prevista mid-dritt nazzjonali tkun inkompatibbli mad-Direttiva dwar il-VAT, l-Artikolu 168 ta' din id-direttiva ma jippermettix lil persuna taxxabbi tibbenfika minn din l-eżenzjoni u tinvoka dritt għal tnaqqis (sentenza MDDP, C-319/12, EU:C:2013:778, punt 45).
- 39 Fil-fatt, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tagħha, f'tali sitwazzjoni, il-persuna taxxabbi għandha tapplika l-eżenzjoni nazzjonali u tirrinunzja d-dritt għal tnaqqis jew inkella tissuġġetta t-tranżazzjonijiet tagħha għall-VAT skont id-dritt tal-Unjoni u tinvoka sussegwentement d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa tal-input.
- 40 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda fil-Kawża C-144/13 għandha tkun li l-Artikolu 168 tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li meta eżenzjoni mill-VAT prevista mid-dritt nazzjonali tkun inkompatibbli mad-Direttiva dwar il-VAT, l-imsemmi Artikolu 168 ma jippermettix lil persuna taxxabbi tibbenfika minn din l-eżenzjoni u tinvoka d-dritt għal tnaqqis.

### *Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-144/13, l-ewwel domanda fil-Kawża C-154/13, u d-domanda fil-Kawża C-160/13*

- 41 Permezz tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-144/13, tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-154/13, kif ukoll tad-domanda fil-Kawża C-160/13, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi jekk l-eżenzjoni mill-VAT prevista fl-Artikolu 140(a) u (b) kif ukoll fl-Artikolu 143(a) tad-Direttiva dwar il-VAT tapplikax għall-akkwist intra-Komunitarju u għall-importazzjoni ta' proteżiġiet dentali u jekk, skont il-każ, l-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li l-proteżiġiet dentali jiġu kkunsinnati minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz minn dentist jew minn tekniku dentali jew jekk humiex ikkunsinnati lil dentist jew lil tekniku dentali jew inkella jekk tali applikazzjoni hijiex suġġetta għal dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivament.
- 42 Għandu jiġi kkonstatat li l-Artikoli 132, 140 u 143 tad-Direttiva dwar il-VAT jiffurmaw parti mis-sistema ta' eżenzjoni prevista fit-Titolu IX tad-Direttiva dwar il-VAT intitolata "Eżenzjonijiet". Dawn id-dispożizzjonijiet jipprovd mekkaniżmu ta' eżenzjoni għat-tranżazzjonijiet ta' beni partikolari, meta jiġi ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet.
- 43 L-għan tal-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 132(1) tad-Direttiva dwar il-VAT huwa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal ċerti provvisti kif ukoll il-kunsinna ta' ċerti beni billi jiġu evitati spejjeż li jirriżultaw mill-issuġġettar tagħhom għall-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-287/00, EU:C:2002:388, punt 47, u MDDP, EU:C:2013:778, punt 26).
- 44 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-imsemmija eżenzjonijiet jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni li għandhom bħala għan li jevitaw diverġenzi fl-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT minn Stat Membru għal ieħor (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi CPP, C-349/96, EU:C:1999:93, punt 15, u Skandia, C-240/99, EU:C:2001:140, punt 23).

- 45 Għandu jitfakkbar, barra minn hekk, li l-Artikolu 132 tad-Direttiva dwar il-VAT huwa intiż li jeżenta mill-VAT ċerti attivitajiet ta' interessa pubbliku. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma teżentax l-attivitajiet kollha ta' interessa pubbliku mill-applikazzjoni tal-VAT, iżda biss dawk li huma elenkti u deskritti f'dettall kbir (sentenza Institute of the Motor Industry, C-149/97, EU:C:1998:536, punt 18).
- 46 L-eżenzjoni tal-provvista ta' proteżijiet dentali mwettqa minn dentisti u minn tekniċi dentali hija intiża li tiggarantixxi li l-provvista ta' prodotti marbuta mas-saħħha ma ssirx inaċċessibbli minħabba l-ispejjeż oħġla ta' dawn il-prodotti jekk il-provvista tagħhom tkun suġġetta għall-VAT (ara, dwar l-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva, li sar l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franz, C-76/99, EU:C:2001:12, punt 23).
- 47 L-Artikolu 140(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, min-naħħa tiegħu, jobbliga lill-Istati Membri jeżentaw l-akkwisti intra-Komunitarji ta' beni li l-kunsinna tagħhom minn persuni taxxabbli hija, fi kwalunkwe każ, eżentata fit-territorju rispettiv tagħhom.
- 48 Prelimarjament, għandu jiġi nnotat li, kif tenfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tagħha, il-frażi “fit-territorju rispettiv tagħhom” tirreferi għall-Istat Membru ta' importazzjoni. Dan jirriżulta minn paragun mad-dispożizzjoni jiet bħal dawk tal-Artikoli 88, 207 jew 214(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, li jinkludi l-istess frażi.
- 49 Għaldaqstant, sabiex jiġi ddeterminat jekk akkwisti intra-Komunitarju ta' beni huwiex eżentat mill-VAT għandu jiġi vverifikat jekk il-kunsinna ta' dawn l-istess beni hijiex eżentata fit-territorju tal-Istat Membru ta' destinazzjoni.
- 50 Fil-kawża prinċipali, l-akkwisti intra-Komunitarji ta' proteżijiet dentali jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 140(a) tad-Direttiva dwar il-VAT u għalhekk jibbenifak minn eżenzjoni, jekk dawn huma eżentati fit-territorju tal-Istat Membru ta' destinazzjoni. Peress li l-Artikolu 140(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jobbliga lill-Istati Membri jeżentaw il-provvista ta' proteżijiet dentali mwettqa minn dentisti u minn tekniċi dentali, il-kunsinna fit-territorju ta' Stat Membru ta' dan il-prodott hija neċċessarjament eżentata, sa fejn l-Istat Membru ma jkunx implementa l-leġiżlazzjoni tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 tad-Direttiva dwar il-VAT.
- 51 Għaldaqstant, l-akkwisti intra-Komunitarji ta' proteżijiet dentali mwettqa minn dentisti u tekniċi dentali jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 140(a) tad-Direttiva dwar il-VAT.
- 52 Għandu wkoll jiġi kkonstatat li l-eżenzjoni ta' importazzjoni finali ta' beni prevista fl-Artikolu 143(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT hija manifestament ispirata mill-Artikolu 140(a) ta' din id-direttiva, bid-differenza li t-tranżazzjoni jikkonċernati mill-eżenzjoni huma importazzjoni finali ta' beni.
- 53 Fil-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk importazzjoni ta' beni hijiex eżentata mill-VAT, għandu jiġi vverifikat jekk il-kunsinna ta' dawn l-istess beni hijiex eżentata fit-territorju tal-Istat Membru ta' destinazzjoni. Fil-fatt, mill-kliem tad-dispożizzjoni inkwistjoni jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda mekkaniżmu identiku għall-Artikoli 140(a) u 143(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT.
- 54 Minn dan isegwi li dawn id-dispożizzjoni finali għandhom jiġu interpretati b'mod identiku.
- 55 Peress li l-fattur ta' riferiment huwa l-eżistenza ta' eżenzjoni għall-kunsinna ta' beni fl-Istat Membru ta' destinazzjoni, fir-rigward tal-proteżijiet dentali, għandu jsir riferiment għall-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(e) tad-Direttiva dwar il-VAT bl-istess kundizzjoni jikkonċernati bħal fil-każ tal-Artikolu 140(a) tagħha. Għaldaqstant, l-importazzjoni finali ta' proteżijiet dentali mwettqa minn dentisti u minn tekniċi dentali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(1)(a) tal-imsemmija direttiva.

- 56 Fir-rigward tal-Artikolu 140(b) tad-Direttiva dwar il-VAT, sabiex jiġi ddeterminat jekk akkwist intra-Komunitarju ta' beni jistax jibbenefika minn eżenzjoni fi Stat Membru, huwa bīżejjed li jiġi vverifikat jekk l-importazzjonijiet finali ta' dawn l-istess beni fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru jibbenefikawx minn eżenzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 143(1)(a) ta' din id-direttiva.
- 57 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-kundizzjonijiet neċċessarji għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni, għandu jiġi kkonstatat li mill-kliem stess tal-Artikolu 132(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jirriżulta li din l-applikazzjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-proteżijiet dentali jkunu pprovduti minn dentisti jew tekniċi dentali.
- 58 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda fil-Kawża C-144/13, għall-ewwel domanda fil-Kawża C-154/13 kif ukoll għad-domanda fil-Kawża C-160/13, għandha tkun li l-Artikoli 140(a) u (b) kif ukoll 143(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT ġħandhom jiġu interpretati fis-sens li l-eżenzjoni mill-VAT li jipprovdū tapplika għall-akkwist intra-Komunitarju u għall-importazzjoni finali ta' proteżijiet dentali pprovduti minn dentisti u minn tekniċi dentali, meta l-Istat Membru tal-kunsinna jew tal-importazzjoni ma jkunx implementa l-leġiżlazzjoni tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 ta' din id-direttiva.

*Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-154/13*

- 59 Permezz tat-tieni domanda fil-Kawża C-154/13, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 140(a) u (b) għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni mill-VAT prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika wkoll fil-każ fejn l-akkwist intra-Komunitarju ta' proteżijiet dentali minn Stat Membru li jkun implementa s-sistema derogatorja u tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 tad-Direttiva dwar il-VAT.
- 60 Għandu jitfakkar li s-sistema Komunitarja tal-VAT hija r-riżultat ta' armonizzazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-kuntest tal-Artikoli 113 TFUE u 115 TFUE. Kif ikkonstatat diversi drabi l-Qorti tal-Ġustizzja, din l-armonizzazzjoni, hekk kif ġiet imwettqa minn direttivi suċċessivi, u, b'mod partikolari, mis-Sitt Direttiva, għadha biss armonizzazzjoni parżjali (sentenzi ORO Amsterdam Beheer u Concerto, C-165/88, EU:C:1989:608, punt 21, kif ukoll Eurodental, C-240/05, EU:C:2006:763, punt 50).
- 61 Fil-fatt, id-Direttiva dwar il-VAT, bis-saħħa tal-Artikolu 370 tagħha, awtorizzat lill-Istati Membri jżommu ċerti dispożizzjoni nazzjonali li tippreċċedi din id-direttiva li, mingħajr l-imsemmija awtorizzazzjoni, ikunu inkompatibbi magħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Idéal tourisme, C-36/99, EU:C:2000:405, punt 38 u Eurodental, EU:C:2006:763, punt 51).
- 62 Għaldaqstant, mir-risposta mogħtija lit-tieni domanda fil-Kawża C-144/13, l-ewwel domanda fil-Kawża C-154/13 u d-domanda fil-Kawża C-160/13 jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk akkwist intra-Komunitarju ta' proteżijiet dentali jikkwalifikax għal eżenzjoni, għandu jiġi vverifikat jekk il-kunsinna jew l-importazzjoni ta' dawn l-istess beni hijiex eżentata fit-territorju tal-Istat Membru ta' destinazzjoni. Minn dan isegwi li l-fattur ta' riferiment huwa s-sistema applikabbi fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.
- 63 Meta dan l-Istat ma jkunx implementa s-sistema derogatorja u tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 tad-Direttiva dwar il-VAT, u applika għaldaqstant l-eżenzjoni prevista fl-Artikoli 132(1)(e) ta' din id-direttiva, l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikoli 140(a) u (b) tal-imsemmija direttiva jaapplikaw ukoll. Dan jaapplika indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-Istat Membru ta' oriġini jkunx għamel użu mill-imsemmija sistema derogatorja u tranżitorja fl-Artikolu 370 tad-Direttiva dwar il-VAT.

- 64 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda magħmula fil-Kawża C-154/13 għandha tkun li l-Artikolu 140(a) u (b) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni mill-VAT prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika wkoll fil-każ ta' akkwist intra-Komunitarju ta' proteżijiet dentali minn Stat Membru li jkun implementa s-sistema derogatorja u tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 tad-Direttiva dwar il-VAT.

### Fuq l-ispejjeż

- 65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2007/75/KE, tal-20 ta' Diċembru 2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li meta eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud prevista mid-dritt nazzjonali tkun inkompatibbli mad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2007/75, l-imsemmi Artikolu 168 ma jippermettix lil persuna taxxabbli tibbenfika minn din l-eżenzjoni u tinvoka d-dritt għal tnaqqis.
- 2) L-Artikoli 140(a) u (b) kif ukoll 143(1)(a) tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2007/75, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud li jipprovdut tapplika għall-akkwist intra-Komunitarju u għall-importazzjoni finali ta' proteżijiet dentali pprovduti minn dentisti u minn tekniċi dentali, meta l-Istat Membru tal-kunsinna jew tal-importazzjoni ma jkunx implementa l-leġiżlazzjoni tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2207/75.
- 3) L-Artikolu 140(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2007/75, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika wkoll fil-każ ta' akkwist intra-Komunitarju ta' proteżijiet dentali minn Stat Membru li jkun implementa s-sistema derogatorja u tranżitorja prevista fl-Artikolu 370 ta' din id-direttiva.

Firem